



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14517/19

TELECOM 372
CYBER 323
COMPET 769
MI 815
CONSOM 320

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	3 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sinifikat tal-5G għall-Ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G - Konklużjonijiet tal-Kunsill (3 ta' Diċembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Is-sinifikat tal-5G għall-Ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G", kif adottati mill-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sinifikat tal-5G għall-Ekonomija Ewropea
u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra l-potenzjal tan-netwerks 5G għall-ekonomija Ewropea, għas-suq uniku tal-UE u għaċ-ċittadini Ewropej

1. JIRRIKONOXXI li l-5G huwa evoluzzjoni tan-netwerks 4G u li l-5G ser iżid il-potenzjal tal-provvista tas-servizzi tan-netwerk[...] mobbli u fl-istess ħin jippermetti mudelli ta' negozju innovattivi u servizzi pubbliċi f'diversi setturi kif ukoll opportunitajiet oħra għaċ-ċittadini Ewropej, l-operaturi tat-telekomunikazzjoni, il-kumpanniji, inkluż l-SMEs, is-settur pubbliku kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra.
2. IFAKKAR li l-Unjoni żviluppat qafas legali għall-indirizzar u l-mitigazzjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà marbuta mal-5G, bħad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (EECC) u d-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (id-Direttiva NIS).
3. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jintlaħqu l-oġġettivi ambizzjużi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-5G adottat mill-Kummissjoni fl-2016 u d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Tallinn tal-5G, kif ukoll il-pjan direzzjonali relatat li ntlaħaq qbil dwaru bejn l-Istati Membri fl-2017 li jibni fuq l-għanijiet tas-Soċjetà tal-Gigabits.

4. JISĦAQ li n-networks 5G ser jiffurmaw parti minn infrastruttura kruċjali għall-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' funzjonijiet soċjetali u ekonomiċi vitali u firxa wiesgħa ta' servizzi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern inkluż it-trasformazzjoni diġitali tagħha u f'dan ir-rigward JENFASIZZA l-importanza tas-sovranità teknoloġika Ewropea u l-promozzjoni globali tal-approċċ tal-UE lejn iċ-ċibersigurtà ta' networks futuri tal-komunikazzjoni elettronika.
5. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida bbażata fuq id-domanda tan-networks 5G u li l-5G huwa assi ewlieni għall-kompetittività u s-sostenibbiltà Ewropej u faċilitatur ewlieni għas-servizzi diġitali futuri kif ukoll prijorità għas-Suq Uniku Ewropew. F'dan il-kuntest, il-Kunsill JISĦAQ ukoll l-importanza ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri fl-użu ta' networks 5G f'żoni transfruntiera bejn l-Istati Membri.
6. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-possibbiltajiet tal-5G u li jiżdiedu l-kompetenzi fi ħdan l-iżviluppaturi u l-gruppi ta' utenti differenti, u li s-settur pubbliku għandu rwol li jinkoraġġixxi l-użu tal-5G billi jmexxi bl-eżempju, u jhegħeġ lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jimpenjaw ruħhom fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-esperjenza fl-appoġġ għat-tnedija b'suċċess tal-5G, inkluż kwistjonijiet relatati mal-kejl tal-limiti ta' kampi elettromanjetiċi (EMF).
7. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi meħtieġa biex l-UE ssir suq ewlieni għat-tnedija ta' networks 5G u għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq il-5G li jrawmu t-tkabbir u l-innovazzjoni, itejbu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u tan-negozji, jippermettu servizzi u applikazzjonijiet ġodda kif ukoll iġibu aktar opportunitajiet għas-soċjetà kollha f'setturi u industrijiet ewlenin bħall-enerġija, il-kura tas-saħħa, l-agrikoltura, il-finanzi u l-mobbiltà.

Wara li kkunsidra l-isfidi tan-netwerks 5G

8. JENFASIZZA l-importanza li jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà u r-reżiljenza tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-5G, wara approċċ ibbażat fuq ir-riskju.
9. JISĦAQ li filwaqt li t-tnedija ta' netwerks 5G iġġib magħha opportunitajiet ġodda, il-bidliet profondi li t-teknoloġiji 5G ser iġibu għan-netwerks, it-tagħmir u l-applikazzjonijiet, u ż-żieda fit-tħassib dwar is-sigurtà relatat mal-integrità u d-disponibbiltà tan-netwerks 5G, flimkien mal-kunfidenzjalità u l-privatezza, iwasslu biex ikun meħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-promozzjoni taċ-ċibersigurtà ta' dawn in-netwerks u s-servizzi kollha skont il-komunikazzjoni elettronika.
10. JILQA' l-isforzi konġunti Ewropej li għaddejjin dwar is-salvagwardja tas-sigurtà tan-netwerks 5G ibbażati b'mod partikolari fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċibersigurtà ta' Netwerks 5G u JISĦAQ l-importanza ta' approċċ koordinat u implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-Suq Uniku.
11. JILQA' l-valutazzjoni kkoordinata tar-riskji fil-livell Ewropew li ġiet ippubblikata fid-9 ta' Ottubru 2019 bħala l-ewwel riżultat wara r-Rakkomandazzjoni.
12. JENFASIZZA li l-bidliet teknoloġiċi introdotti mill-5G ser iżidu s-superfiċje globali tal-attakk u jeħtieġu attenzjoni partikolari għall-profil tar-riskju ta' fornituri individwali.
13. JISĦAQ li flimkien mar-riskji tekniċi relatati maċ-ċibersigurtà tan-netwerks 5G, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fatturi mhux tekniċi bħalma huma l-qafas legali u politiku li l-fornituri jistgħu jkunu soġġetti għalih f'pajjiżi terzi.

14. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħtieġa li jiddiversifikaw il-fornituri sabiex jevitaw jew jillimitaw il-ħolqien ta' dipendenza kbira fuq fornitur wieħed, peress li dan iżid l-espożizzjoni għall-konsegwenzi ta' falliment potenzjali ta' dan il-fornitur.
15. JENFASIZZA l-importanza li jiġu vvalutati r-riskji relatati ma' interdipendenzi bejn in-networks 5G u sistemi u servizzi pubbliċi u privati kritiċi oħrajn.

GĦALDAQSTANT IL-KUNSILL

16. JENFASIZZA li tnedija rapida u sigura tan-networks 5G hija essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE u teħtieġ approċċ koordinat fl-UE mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' tnedija ta' netwerk u sigurtà nazzjonali.
17. JISĦAQ li l-bini ta' fiduċja fit-teknoloġiji 5G huwa bbażat b'mod sod fuq il-valuri fundamentali tal-UE bħad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-protezzjoni tal-privatezza, tad-data personali u tal-proprjetà intellettuali, fuq l-impenn għat-trasparenza, l-affidabbiltà u l-inklużjoni tal-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini kollha, kif ukoll fuq il-kooperazzjoni internazzjonali msaħħa.
18. JISSOTTOLINJA li t-teknoloġija dejjem aktar kumplessa, interkonnessa u li qed tevolve malajr titlob approċċ komprensiv u miżuri ta' sigurtà effettivi u proporzjonati b'enfasi fuq is-sigurtà u l-privatezza mid-disinn bħala partijiet integrali tal-infrastruttura u t-tagħmir terminali tal-5G.
19. JENFASIZZA li l-5G u networks oħra tal-komunikazzjoni elettronika relatati jeħtieġ li jiġu protetti b'mod kontinwu tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom biex ikopru l-katina tal-provvista kollha u t-tagħmir kollu rilevanti.

20. JISĦAQ il-ħtieġa li jiġu indirizzati u li jittaffew l-isfidi potenzjali li jirriżultaw mit-tnedija ta' networks u servizzi 5G għall-infurzar tal-liġi inkluż pereżempju l-interċettazzjoni legali.
21. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu stabbiliti standards u miżuri komuni robusti ta' sigurtà, li jirrikonoxxu l-isforzi ta' standardizzazzjoni internazzjonali fil-5G, għall-manifatturi, l-operaturi tal-komunikazzjoni elettronika u l-fornituri tas-servizzi rilevanti kollha u li l-komponenti ewlenin, bħal komponenti li huma kritiċi għas-sigurtà nazzjonali, ser jinkisbu biss minn partijiet affidabbli.
22. JAPPOĠĠA l-ħidma li għaddejja tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) fir-rigward tal-qafas Ewropew għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà stabbilit mill-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, bil-potenzjal li jittejjeb il-livell taċ-ċibersigurtà għall-prodotti, is-servizzi u l-proċessi tal-ICT.
23. JISĦAQ li filwaqt li l-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni jistgħu jkunu kapaċi jindirizzaw ċerti sfidi ta' sigurtà relatati man-networks 5G, huma meħtieġa miżuri ta' sigurtà addizzjonali biex ir-riskji jiġu mmitigati b'mod effettiv.
24. JILQA' l-preparazzjoni li għaddejja mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u s-settur privat, ta' sħubija Ewropea strateġika dwar Networks u Servizzi Intelliġenti taħt Orizzont Ewropa bil-għan li jiġu promossi l-investimenti, tinżamm u tissaħħaħ il-kompetittività, jissaħħu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet siguri fil-qasam tal-5G u lil hinn.
25. JILQA' l-prijoritizzazzjoni taċ-ċibersigurtà fil-Programm Ewropa Diġitali propost bħala mezz għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-UE, kif ukoll l-inizjattiva taħt il-programm propost Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa dwar il-kurituri transkonfinali tat-TEN-T tal-5G.

26. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-ENISA biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fi ħdan il-kompetenzi tagħhom biex jiżguraw is-sigurtà u l-integrità tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari n-netwerks 5G, u jkomplu jikkonsolidaw approċċ koordinat biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà relatati mat-teknoloġiji 5G u abbażi tal-ħidma konġunta li għaddejja dwar is-sett ta' għodod ta' sigurtà tal-5G biex jiġu identifikati metodoloġiji u għodod komuni u effettivi għall-mitigazzjoni tar-riskji relatati man-netwerks 5G.
-